MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru. 1281/2007

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa)
vs
Clint Cassar, iben Joseph, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ jannar, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, f’xi perjodu bejn jannar, 2006 u frar, 2006 b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama’ jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ għad-dannu ta’ l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' april, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------